Settembru 2015 • Vol 22 • Nru. 3

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




Newspaper Post

Advert

Settembru 2015 • Vol 22 • Nru. 3

IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5. Editorjal

7. Dan l-aħħar...

10. Internship Programme Malta 2015

11. Il-ġlieda kontra l-kriminalita' elettronika u diġitali

14. Il-Burnout u d-dipressjoni

16. Minn dak li nirċievu

17. Paġna għat-Tfal

19. Saħħa u sigurta' għall-Pulizija mis-Sezzjoni tat-Traffiku

20. Ir-Relazzjonijiet Pubbliċi u s-Sezzjoni tal-Klieb

25. Malta Police Association

29. Mitejn u sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija 12 ta' Lulju 2015

41. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

43. Il-Migrazzjoni tal-Kwartieri Ġenerali minn Fleur-de-Lys għall-Floriana

47. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

49. Ħarsa lejn l-Attivitajiet Sportivi

53. Fondi mill-Unjoni Ewropea

54. Nisparaw għall-Karita'

57. International Police Association - Malta

59. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju




Ritratt - Sezzjoni Fotografija - FSL

7



10



29



57



IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supt Antonello Grech
WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

UNION PRESS - MARSA

advert

# Editorjal

Illum il-komunikazzjoni saret aktar faċli minn qatt qabel, u dan affetwa wkoll lill-Pulizija Maltija. Għalhekk ir-relazzjoni mal-pubbliku għandha tkun waħda tajba, u proprju dwar dan jiffoka l-artiklu tas-Sezzjoni tal-Klieb, li tani spunt sabiex nibni dan l-editorjal. Il-komunikazzjoni qatt ma kienet daqshekk faċli daqs kemm hi llum, pero aħna l-Pulizija x'qed nikkomunikaw lill-pubbliku? Tajjeb li nħarsu lejna nfusna, speċjalment meta jersqu n-nies lejna jew aħna lejhom, u nqisu dak li qed nikkomunikaw lin-nies. Jiena nħobb nifli bi ħsieb il-paġna tal-Korp fuq is-sit soċjali Facebook, li flimkien mal-kollegi tiegħi ġewwa s-CMRU, inkarigata li mmexxi. Il-pubbliku hemm barra juri li huwa għatxan sabiex jikkomunika mal-Pulizija, kemm biex jgħaddi informazzjoni, jew sabiex jistaqsi, kif ukoll biex jitlob azzjoni.



Nħoss sodisfazzjon meta nara xi *follower* minn tagħna jkun kuntent li nqeda' mingħand il-Pulizija, saħansitra permezz ta' Facebook, anke jekk mhux dejjem ngħidulu dak li jkun jixtieq jisma'. Huwa veru li minn wara *monitor* jien għandi ċans naħseb x'ser nikteb, filwaqt li Pulizija fit-triq ma jistax jagħmel dan. Pero' serrħu raskom li anke jien titlali l-pressjoni xi kultant b'xi kummenti, iżda dan ma jfissirx li għandi nikkomunika b'mod ħażin. Wara kollox jiena bħalkom qiegħda nirrapreżenta lill-Korp tal-Pulizija u fl-aħħar mill-aħħar ma rridux ninsew li aħna qegħdin hemm biex ngħatu servizz, anke lil min xi kultant jqabbżilna ċ-ċinga.

advert

advert

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Dawn l-aħħar ġranet, speċjalment mill-aħħar ħarġa tal-magażin, kienu bosta l-attivitajiet li seħħew fil-Korp tal-Pulizija, iżda tista' tgħid kienu kollha marbuta ma' Jum il-Pulizija.

F'din il-ħarġa se ssibu paġni mimlija ritratti tal-attivitajiet kollha marbuta ma' dan il-jum. Huwa għalhekk li f'dawn il-paġni se naraw biss attivitajiet li seħħew iżda ma kellhomx daqshekk x'jaqsmu maċ-ċelebrazzjonijiet tat-12 ta' Lulju.

Bħalma tafu nhar is-7 ta' Ġunju hija festa pubblika u f'din il-ġurnata l-Pulizija tkun inkarigata mill-attivitajiet taċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum. Fil-Ġonna ta' Hastings, fejn illum jinsab il-monument, tittella' parata mill-Gwardja tal-Unur u jitqiegħdu fjuri mill-Kummissarju fost persuni distinti oħra.











Fix-xahar ta' Ġunju żaru pajjiżna grupp ta' Pulizija Spanjoli flimkien mal-Ambaxattur Spanjol. Nhar it-18 ta' Ġunju għamlu żjara ta' orjentazzjoni fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Dawn il-persuni kienu għadhom kemm spiċċaw il-kors bħala Kuntistabbli tal-Pulizija fi Spanja. Waqt iż-żjara tagħhom fil-Kwartieri, l-Assistent Kummissarju Mario Spiteri ħejja preżentazzjoni rigward il-Pulizija ta' Malta.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar iltaqa' mal-Pulizija fil-Mess tal-Uffiċjali u għaddilhom tifkira ta' din iż-żjara li għamlu.





advert

Nhar it-22 ta' Ġunju 2015, ilqajna fostna numru mhux ħażin ta' rekluti ġodda. B'kollox għandna 117-il rekluta, li minnhom 25 huma nisa, u qed jitħarrġu fl-Akkademja tal-Pulizija f'Ta Kandja.
Nawguraw minn qalbna lir-rekluti sabiex kollha jilħqu r-riżultat mixtieq.



Fl-10 ta' Lulju 2015, proprju wara li spiċċat l-attività fil-Belt Valletta marbuta ma' Jum il-Pulizija, fil-kwartieri tar-*Rapid Intervention Unit* tqassmu ċertifikati lil numru ta' membri li bħalissa għaddejjin bi programm ta' taħriġ intensiv biex isservu bħala membri fl-*SWAT Team.*

Dawn il-membri temmew b'suċċess, kors imsejjaħ *Tactical Combat Casualty Care*, organizzat mill-*Emergency Response Rescue Corps* u hu riknoxxut internazzjonalment. Il-kors ħejja lill-parteċipanti fl-ewwel għajnuna medika kif ukoll f'dik aktar avvanzata li tinvolvi kura medika ta' emerġenza relatata ma' feriti gravi, inkluż dawk kaġunati minn armi tan-nar, armi li jaqtgħu u bil-ponta, splużjonijiet u trawmi oħra. Matul dan it-taħriġ kienu simulati wkoll xenarji ta' attakk kontra l-istess uffiċjali waqt li qed jagħtu din l-ewwel għajnuna.

Dan jagħmel ix-xogħol tagħhom ferm iżjed diffiċli meta jridu jipproteġu ruħhom u lill-vittmi u fl-istess waqt jibqgħu jassistu u jevakwaw kollegi jew terzi persuni minn sitwazzjonijiet ta' periklu serju għal ħajjithom.



Iċ-ċertifikati tqassmu fil-preżenza tal-Ministru għall-Intern u s-sigurta' Nazzjonali, Carmelo Abela u l-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur Michael Cassar.

# Internship Programme Malta 2015

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

F'Lulju li għadda reġa' kellna attendenza ta' sitt studenti Ġermaniżi minn reġjuni differenti fil-Ġermanja, li għażlu lil Malta minn diversi pajjiżi Ewropej, sabiex jagħmlu l-programm tal-*Internship* fi żmien li huma jkunu għaddejjin bl-istudji pulizjeski f'Universitajiet u kulleġġi oħra li jattendu. Dawn iwassluhom sabiex barra li jkunu qegħdin jiksbu livelli akkademiċi, jilħqu wkoll f'dawk il-gradi li jkunu qed jaspiraw għalihom.

Bħas-snin ta' qabel, il-programm beda u spiċċa b'suċċess u ta' sodisfazzjon għall-istess studenti. Kif wieħed jinnota l-aktar studenti Ewropej li jagħżlu lil Malta għal dan it-tip ta' programm, huma l-istudenti Ġermaniżi.

Is-sodisfazzjon tagħna jkun meta wara kull sessjoni li jkollhom, ilkoll ifaħħru l-persuna li tkun kellmithom jew uriethom kif titħaddem sistema. Japprezzaw tassew l-għarfien tagħhom dwar is-suġġett u l-preparazzjoni.



Għalhekk f'isem il-koordinaturi, nirringrazzjaw lil dawk l-entitajiet kollha u organizzazzjonijiet li bis-sehem u l-koordinazzjoni li ssir magħhom.

joseph.q.borg@gov.mt

advert

# Il-ġlieda kontra l-kriminalita elettronika u diġitali

minn Dr Mark Said - Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jekk il-Pulizija għandha jdejha mimlija bil-ġlieda kontra l-kriminali fid-'dinja reali', aktar u aktar ma tistax tlaħħaq fil-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika u diġitali. Il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità saret logħba ta' kelb u qattus — u hekk kif dawn il-kriminali diġitali jiżviluppaw modi ġodda u innovattivi sabiex jisolħu lin-nies, hi ġlieda kontinwa biex tlaħħaq magħhom.

Il-kriminalità elettronika qed issir agħar hekk kif l-awturi diġitali tal-frodi, truffi u serq isiru iktar sofistikati minn qatt qabel fil-metodi tagħhom.

Id-dinja diġitali kabbret l-uġigħ ta' ras għall-Pulizija. Xi darba, kien hemm differenza ċara bejn reati tat-telekomunikazzjoni u reati bil-kompjuter. Konverżazzjonijiet telefoniċi kienu ħaġa, u l-manuvri bl-*internet* kienu xi ħaġ'oħra. Iżda llum, grazzi għall-konverġenza tal-apparat u l-kontinwità omnipreżenti tas-servizz, kollox ġie f'xulxin. U allura twieldet il-kriminalità elettronika u diġitali.

Il-kriminalità diġitali attwali hi fenomenu liema bħalu, u jinħtieġ li l-*approach* tal-Pulizija jinbidel kompletament - kif jitħarrġu l-uffiċjali, min jiġi ngaġġat, il-metodi wżati u aktar. Bħas-servizzi governattivi kollha, ir-riżorsi huma limitati u l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità titlob rikunsiderazzjoni ta' kif jiġu allokati r-riżorsi. Il-kriminali, per eżempju, intebħu li aktar faċli tisraq bank bl-użu tal-*phishing* (tibgħat messaġġi li jikkonvinċu lill-vittmi sabiex jiżvelaw tagħrif tal-kont tagħhom) u tekniċi oħra ta' kriminalità diġitali, milli tisraq bank bl-użu t'arma tan-nar. Jekk il-Pulizija trid telimina s-serq bankarju, l-investigaturi jridu jkunu mħarrġa fit-teknika tal-kompjuter u jkunu aġġornati fl-aħħar teknoloġija tal-*internet* u tekniċi tal-kriminalità diġitali. Dan jinħtieġ ħin, flus, taħriġ u li ssib in-nies adattati għal dak it-tip ta' xogħol, li hi sfida fiha nnifisha.

Il-Pulizija għandha problema akbar: li tirnexxi fil-prosekuzzjoni tal-kriminali diġitali u tikkonvinċi qorti li l-provi juru li l-akkużat hu tassew ħati. L-Imħallfin mhux bilfors jafu sew l-aspetti tas-sigurtà tal-kompjuter, u allura wieħed irid jagħti eżempji mid-'dinja reali' bħala metafori għall-kwistjonijiet uniċi fid-dinja diġitali, bħalma hi *port scanning* (fejn il-*hackers* jikkontrollaw il-portijiet virtwali ta' kompjuter għal wieħed li jippermetti aċċess). Għal ġudikant imdorri jisma' kawżi ta' ksur u dħul, l-aħjar eżempju f'dak il-każ ikun li xxebbah il-*port scanning* ma' tentattiv ta' ħalliel tal-karozzi li jidħol f'karozza billi jikkontrolla s-serraturi f'bosta vetturi sakemm isib waħda miftuħa. Iżda naturalment, dik hi deskrizzjoni xejn preċiża, u hi sfida ssib l-aħjar mod biex tispjega.

Ukoll jekk ġudikant ikun midħla sew tad-dinja diġitali, il-Pulizija għandha problemi oħra. Anki f'każ li l-provi jkunu ċari, dejjem se jkun hemm dubju jekk dak li l-kompjuter tiegħu intuża biex intbagħtet posta elettronika bl-użu tal-*phishing* li waslet għas-serq, huwiex tassew ħati. Forsi l-kompjuter tiegħu nħataf temporanjament għal dak il-għan. F'ċerti każi, bħal fil-pornografija tat-tfal, li tipprova l-ħtija, jaf ikun aktar faċli. Iżda wkoll f'każi bħal dawk, jiddependi fuq kemm investigatur jgħaġġel biex jieħu kontroll tal-kompjuter ta' suspettat, u l-qawwa tas-*software* biex jiddeċifra l-*hard drive* tas-suspettat.

Forsi l-iktar ħaġa frustranti għall-Pulizija hi li spiss tkun kostretta tivvinta r-rota mill-ġdid f'kull reat diġitali u elettroniku ġdid. Il-ħallelin jafu x'qed if-ittxu l-pulizija, u x'aktarx li jippruvaw modi ġodda biex jevitaw li jinqabdu. Ngħixu f'demokrazija, u hemm regoli ċari dwar kif il-Pulizija mistennija taħdem. F'każ fil-Qorti, iridu jinġiebu mhux biss il-provi, iżda wkoll kif ġew miġbura dawk il-provi. Fir-reati elettroniċi u diġitali, m'hemm ebda mod kif dan isir mingħajr ma tiġi żvelata t-teknoloġija li ntużat.

Dan kollu, il-pubbliku jista' jarah fuq il-websajts fejn jiġu diskussi l-aspetti legali, u jinqara mhux biss mill-avukati, iżda mill-kriminali elettroniċi u diġitali. Malli jkunu jafu kif taħdem il-Pulizija, jiżviluppaw metodi biex jilħqu l-iskopijiet tagħhom mod ieħor, u l-Pulizija tibda l-istħarriġ li jmiss mill-qiegħ. Hi logħba ta' kelb u qattus, fejn il-Pulizija l-ħin kollu trid tiġri wara l-qattus.

Fil-fatt, biex titkabbar il-problema, kien hemm każi fejn it-teknoloġija żviluppata għall-Pulizija ġiet użata minn dawn il-kriminali. Dawn qegħdin jużaw l-aħħar metodi u teknoloġiji.

Eżempju tajjeb hu kif sit tal-pedofelija jinbena bl-aħħar teknoloġija. Il-pedofeli jmorru għand kumpanija li tiddisinnja websajts bħala siti kummerċjali leġittimi jew tat-teknoloġija għall-Pulizija, pereżempju. Jgħidu lill-kumpanija li sejrin jibnu sit elettroniku għall-bejgħ tal-fjuri u jagħtuha t-tagħrif kollu għal sit kummerċjali li jidher leġittimu. Iżda wara, kulma jridu jagħmlu hu jissostitwixxu t-tagħrif dwar il-fjuri bil-kontenut tal-pedofelija. B'hekk, ikollhom sit mill-aqwa għall-attività kriminali tagħhom, bl-użu ta' metodi legali u leġittimi.

Id-*data* enormi tkompli tikber, l-apparat diġitali jkompli jsir aktar popolari, u s-sħab ikompli jimtela b'tagħrif sensittiv personali li l-ħallelin jistgħu jużaw biex jagħmlu l-flus - u ċ-ċiberkriminalità tkompli tielgħa 'l fuq. Iżda l-problemi li għandha l-Pulizija Maltija huma l-istess bħal dawk tal-Pulizija fid-demokraziji l-oħra kollha. Mela l-ko-operazzjoni u l-kollaborazzjoni jistgħu jgħinu ħafna biex jaqta' liċ-ċiberkriminalità f'ras il-għajn - tenut kont speċjalment tan-natura internazzjonali tal-*internet*.

Il-ġlieda tal-Pulizija kontra ċ-ċiberkriminali hi iebsa u trid ħafna paċenzja. Iżda hemm konsolazzjoni waħda. Il-Pulizija, ukoll, għandha aċċess għat-teknoloġija. Ma' kull theddida jinfetaħ bieb ġdid. U jekk il-Pulizija titgħallem tidħol minn dawk il-bibien u tuża kif suppost it-teknoloġija, teħfief il-ġlieda fil-prevenzjoni taċ-ċiberkriminalità.

magazine.police@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# Il-*burnout* u dipressjoni

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit

Kif diġà ġie diskuss f'artiklu preċedenti, l-istress u l-*burnout* huma indikazzjonijiet tal-kwalità ta' ħajja li qed tgħix persuna. Il-*burnout* hu stat ta' eżawriment emozzjonali, mentali u fiżiku li ħafna drabi jiġi kkawżat minn perjodu twil ta' stress eċċessiv. *Burnout* ikkawżat mix-xogħol, hu tip ta' stress li wieħed jesperjenza, iżda dan l-istress jista' jsir kritiku meta l-persuna tiġi f'diffikultà u tibda tħossha għajjiena u ffrustrata bl-ebda viżjoni ta' mistrieħ.

Għalkemm li tesperjenza stress u tiġi espost għal tensjoni huma l-fattur prinċipali wara l-*burnout*, numru ta' fatturi oħra li jinfluwenzaw il-probabbiltà tal-individwu li jesperjenza *burnout*, jinkludi predispożizzjoni personali, disponibbiltà ta' appoġġ soċjali, disponibbiltà tal-ħin u r-riżorsi biex tistrieħ u tnaqqas it-tensjonijiet f'relazzjoni.

Uffiċjali tal-Pulizija ħafna drabi huma iktar vulnerabbli għal għejja kronika kif ukoll għall-*burnout*, minħabba li l-esiġenzi ta' din il-professjoni tinvolvi sigħat twal li huma stressanti, kif ukoll varjetà ta` sitwazzjonijiet diffiċli. Ix-xogħol ta' Pulizija hu wieħed stressanti u jiltaqa' ma' xogħol ambigwu, b'domandi għoljin iżda b'riżorsi limitati, responsabbiltajiet serji u l-ħtieġa li jżomm ruħu aġġornat f'dinja li qed tinbidel kontinwament.

Fatturi li jikkontribwixxu għal stress u għejja lill-Pulizija huma, ħinijiet twal, tibdil ta' 'shifts' u tibdil fid-dmirijiet.

Riċerka xjentifika turi li n-nuqqas ta' prestazzjoni fil-post tax-xogħol hi komuni meta jkun hemm *burnout*. Li tkun għajjien waqt il-qadi ta' dmirijietek jista' jikkawża konsegwenzi serji oħrajn bħal teħid ta' deċiżjonijiet ħżiena, nuqqas ta' ko-ordinazzjoni bejn l-għajnejn u l-idejn, reazzjonijiet mhux xierqa f'ċertu sitwazzjonijiet, żieda fir-riskji ta' inċidenti u żbalji fuq xogħol amministrattiv kemm dipartimentali kif ukoll ġudizzjarju. Minbarra hekk, perjodi twal ta' xogħol iebes jistgħu jwasslu għal riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem, fejn il-ġisem jibda jsir iktar vulnerabbli għall-mard, bħal teħid ta' rjiħat iktar spissi, uġigħ fl-għadam u uġigħ fl-istonku, sa mard tal-qalb u dijabete. Fuq livell emozzjonali u mentali, il-persuna tkun iktar irritabbli, tegħja iktar, b'ċans ta' sintomi li jwasslu għal ansjetà żejda u dipressjoni.

Perjodi kontinwi ta' burdati ħżiena, apatija, għejja estrema u sensazzjoni ta' disperazzjoni huma ta' sikwit uħud mill-ewwel sinjali li jindikaw li xi ħaġa mhix sejra sew. Meta wieħed ikun għaddej minn livell ta' stress għoli u jiġġieled biex ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-ħajja, dawn iwasslu għal nuqqas ta' ħin disponibbli biex wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u jerġa' jakkwista l-enerġija. Minħabba l-esperjenza tal-*burnout*, persuna tkun iżjed f'riskju li tiżviluppa dipressjoni. Fil-fatt, *burnout* u dipressjoni huma relatati ħafna; fil-każ ta` *burnout*, persuna terġa' tħossha lura għan-normal meta tiġi mneħħija minn sitwazzjoni stressanti, bħal pereżempju meta tieħu xi vaganza jew tiġi trasferita għal xi sezzjoni oħra. Min-naħa l-oħra, dipressjoni għandha t-tendenza li tippersisti wkoll meta s-sors li jkun ikkawża l-istress ma jkunx għadu hemm. Madanakollu, f'każi reali, id-distinzjoni mhix daqshekk ċara; meta wieħed jesperjenza *burnout* għal tul ta' żmien, hemm iżjed ċans li jesperjenza żmien ta' dipressjoni.

Is-sintomi ta' *burnout* u dipressjoni għandhom it-tendenza li jixxiebħu; it-tnejn li huma jagħmlu ħsara lill-abbiltà tal-individwu biex jiffunzjona kuljum u jgawdi kwalità ta' ħajja tajba. Dawn is-sintomi jistgħu jkunu kemm tal-*burnout* kif ukoll tad-dipressjoni:

- Irritabbiltà;
- Għejja u nuqqas ta' enerġija;
- Problemi ta' rqad (jew nuqqas ta' rqad, jew irqad esaġerat);
- Nuqqas ta' stima tiegħek innifsek, u/jew tħossok li m'intix utli;
- Diffikultà biex tikkonċentra, tiftakar id-dettalji u tieħu deċiżjonijiet;
- Tibdil fl-aptit tal-ikel (jew tiekol ħafna jew tnaqqas l-aptit);
- Nuqqas ta' interess fl-attivitajiet u passatempi li qabel kont tikkunsidra li jagħtuk sodisfazzjon;
- Tħossok imdejjaq kontinwament, ansjuż u bħal vojt minn ġewwa;
- Ħsibijiet ta' suwiċidju.

Importanti li jekk qed tesperjenza uħud minn dawn is-sintomi tkellem tabib jew professjonist ieħor li jista' jgħinek. Jekk tinsab f'diffikultajiet simili għal dawn imsemmija hawn fuq, l-appoġġ professjonali u l-*counselling* jistgħu jgħinuk tħossok aħjar. Il-*counselling* hu opportunità biex issir taf lilek innifsek aħjar u tiżviluppa individwalment. Għal għajnuna professjonali, mingħajr ħlas u b'rispett sħiħ lejn il-kunfidenzjalità, tista' tikkuntattja lill-*Employee Support Programme* fuq 2200 1210 għal appuntament.

magazine.police@gov.mt

ADVERT

# Minn dak li nirċievu

minn SM 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali



F'dan ir-ritratt, li hu tassew antik ċirka 1870/80 jidher fih ċertu Ġanni Formosa, il-Pulizija jew aħjar il-pjantun mir-Rabat Għawdex, mill-inħawi ta' wara l-kunvent ta' San Franġisk. Aktar tard kien mar joqgħod il-Munxar. Ġanni, barra li kien Kuntistabbli tal-Pulizija, kien iservi wkoll bħala infermier. Sfortunatament hu kien miet ta' età żgħira b'mewta naturali.

Wieħed jista' jara l-eleganza fl-uniformi li hu liebes fiż-żmien partikolari u jekk tinnutaw ukoll kien żmien fejn flok żarbun kien għadu jinxtedd il-qorq mal-uniformi.

Ħajr lill-aħwa Angela Cardona u Maria Gauci neè Formosa li huma dixxendenti ta' Ġanni Formosa, li għaddewlna r-ritratt u l-informazzjoni dwaru.

joseph.q.borg@gov.mt

## Appell

Bħalma għamilna drabi qabel, se nerġgħu nitolbu lil kull min għandu ritratti antiki, dokumenti jew kull ħaġa oħra b'relevanza mal-istorja tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, sabiex javviċina l-Mużew, li jinsab fil-Kwartieri tal-Pulizija, il-Furjana. Bil-permess tagħkom inkunu nistgħu nagħmlu wkoll kopja tar-ritratti, dokumenti eċċ. L-iskop tagħna hu, li nkomplu nkabbru din it-tradizzjoni storika u kulturali tal-Korp. Waqt li nirringrazzjawkom minn qabel, napprezzaw il-kooperazzjoni tagħkom.

ADVERT

# Paġna għat-Tfal



Hannah Mangion
7 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

Advert

# Saħħa u sigurtà għall-Pulizija tat-Traffiku

mill-Uffiċjal Inkarigat mis-Sezzjoni Traffiku
Spettur Anzjan Mario Tonna

Il-Korp tal-Pulizija reġa' ħass il-ħtieġa li jinvesti fi ġkieket ġodda għas-saħħa u s-sigurtà tal-Pulizija tat-Traffiku, li xogħolhom hu li jsuqu mutur.

Il-ġkieket jikkonsistu f'apparat ta' protezzjoni ta' materjal tal-*Carbon Kevlar*, sabiex f'każ ta' inċident ikun hemm protezzjoni tal-minkeb, l-ispallejn u d-dahar. Dawn il-partijiet huma l-aktar partijiet vitali li joħolqu feriti f'każ ta' inċident.

Aktar minn dan, dawn il-ġkieket jikkumbattu aktar is-sħana tas-sajf, minħabba li huma eħfef u irqaq u għandhom aktar ventilazzjoni. Fl-istess waqt għandhom ukoll partijiet li juru viżibbiltà qawwija fid-dlam u jistgħu jintużaw ukoll f'ħalbiet tax-xita ħafifa.

Il-Korp tal-Pulizija hu kommess li jkun minn ta' quddiem sabiex joffri lbies protettiv ħalli jevita li l-membri tiegħu jweġġgħu waqt dmirhom.

Nieħdu din l-opportunità sabiex ninkoraġġixxu lis-sewwieqa tal-muturi jikkupjawna u jissalvagward-jaw aktar lilhom infushom f'inċidenti simili.

mario.tonna@gov.mt






A - 630D AIRDURA
B - SCOTCHLITE REFLEXINSERTS
C - MESH INSERTS
D - THERMO-LINING
E - SHOULDER PROTECTORS CE
F - PE-BACKPROTECTOR
G - ELBOW PROTECTORS CE
H - 100% WEATHERPROOF Z-LINER JACET

# Ir-Relazzjonijiet Pubbliċi u s-Sezzjoni tal-Klieb

mis-Surġent 41 Matthew Attard - Sezzjoni Klieb

Il-Korp tal-Pulizija żgur li jagħti importanza xierqa u kultant nistennew aktar lejn ir-relazzjonijiet pubbliċi. Bl-Ingliż magħrufa aktar bħala PR (*Public Relations*) li kważi kull min joffri xi forma ta' servizzi governattivi u wkoll dawk li mhumiex, għandhom uffiċċju jew persuni inkarigati mir-relazzjonijiet pubbliċi.

Jistgħu jkunu varji ħafna t-tipi ta' komunikazzjoni li nużaw. Jien nemmen li waħda mill-aħjar għodod fir-relazzjoni pubblika hi dik tal-kuntatt dirett mal-pubbliku. Il-kuntatt dirett man-nies iħalli impatt iktar fil-fond u aktar fit-tul.

Hawn fejn se nidħol fis-suġġett ta' kif is-Sezzjoni tal-Klieb tikkontribwixxi bis-sħiħ fil-kuntatt dirett mar-relazzjonijiet pubbliċi tal-Korp. Is-Sezzjoni tal-Klieb, barra li għandha xogħol primarju u polizjesk li tkellimna dwarhom diversi drabi, għandha xogħol sekondarju importanti, dak tar-relazzjonijet pubbliċi.

Is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija hi maħbuba ħafna mill-pubbliku kollu u nista' ngħid li nies ta' kull età u oqsma tas-soċjetà juru dan. Dan jidher biċ-ċar fin-numru kbir ta' talbiet kontinwi li jkollna mill-iskejjel, organizzazzjonijiet mhux governattivi; Kunsilli Lokali u individwi varji oħra.

Tajjeb wieħed jgħid li din is-sezzjoni, fis-sena 2014, għamlet tnejn u sebgħin (72) wirja f`postijiet varji li jinkludi wkoll żjarat fis-sezzjoni. Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena, diġà lħaqna s-sittin (60) wirja jew żjarat. Mingħajr ma ninsew is-sehem attiv fil-ġimgħa sħiħa tal-programm fl-anniversarju ta' Jum il-Pulizija, li jkollna mħejji programm speċjali għall-okkażjoni.

Ir-relazzjonijet pubbliċi għandhom jilħqu kemm jista' jkun nies ta' kull età, ġeneru u stat fis-soċjetà. U dan hu li din is-sezzjoni tagħmel f'dan il-qasam ukoll, fejn nibdew b'kuntatt ma' età żgħira ta' tfal minn tliet snin, adolexxenti, żgħażagħ, nies ta' età medja u sa l-aktar nies anzjani.

Ma tistax ma tinnutax l-emozzjonijiet varji meta tara xi tifel ċkejken iħares fiss f'għajnejn il-kelb u ma tonqosx xi tgħannieqa ħelwa. Ma tistax ma tarax dak iż-żagħżugħ mimli enerġija, jipprova jifhem u janalizza l-movimenti u xogħol li jwettaq il-kelb u dik it-tmellisa ħelwa fuq moħħ il-kelb minn dik il-mara anzjana f'dar tal-anzjani fejn tkun tixtieq li żżommu magħha.

Bħala Pulizija mis-Sezzjoni tal-Klieb ma nieqafx biss li nosserva dawn l-affarijiet iżda nieħu l-opportunità biex inwasslu messaġġi ta' aktar valur. F'taħditiet li jkollna u waqt li nkunu qed nispjegaw x'qed jiġri waqt wirjiet u żjarat, nieħdu ċans biex nippromwovu x-xogħol tal-Pulizija u r-relazzjoni sabiħa li tixtieq li jkollha mas-soċjetà.

Nitkellmu ma' tfal dwar kif il-Pulizija hu l-akbar ħabib tagħhom u li qiegħed hemm biex jgħinhom u jassistihom. Maż-żgħażagħ nitkellmu u nispjegaw iktar ix-xogħol fit-tfittxijiet ta' drogi mill-klieb tagħna, filwaqt li nuru kemm hu ikrah dan il-vizzju u l-vittmi li jħalli warajh. Nagħtu importanza wkoll fix-xogħol li nwettqu, fit-tfittxijiet għal materjal splussiv li joffri sigurtà lejn is-saħħa tan-nies u s-sigurta` lejn persuni importanti (VIP`s) li jżuru l-pajjiż.



Advert

ADVERT

Iż-żamma u l-bon ordni permezz tal-klieb tal-protezzjoni flimkien ma' dawk li diġà semmejna, jikkontribwixxu biex nibqgħu nżommu isem pajjiżna bħala wieħed mill-aħjar destinazzjonijiet. Jien dejjem nisħaq fuq l-importanza tax-xogħol li nagħmlu għall-qadi tal-Korp u għall-ġid tas-soċjetà. Jekk instabet xi droga, dan ifisser li naqset l-ammont ta' droga mit-triq.

Jekk jinstab materjal splussiv jew ġieli wkoll nar maħdum illegalment; ara kemm nistgħu nsalvaw ħajjiet. Hekk in-nies jifhmu kemm hu siewi x-xogħol li nagħmlu, li jsarraf f'aktar rispett u gratitudni.

Ma nistgħux inħallu barra r-relazzjonijiet pubbliċi oħra ma' persuni bi bżonnijiet differenti, fejn il-persuni li jassistuhom jistqarru b'onestà, li ċerti emozzjonijiet li juru waqt li jkollhom kuntatt mal-klieb tagħna, ikunu ftit li xejn raw bħalhom qabel. Id-daħqa ħelwa li juru u l-isforz kbir li jwettqu biex jagħmlu kuntatt mal-klieb, minkejja l-limitazzjonijiet fiżiċi tagħhom tissorprendik.

Ma rridx ninsa s-sehem ta' din is-sezzjoni waqt attivitajiet ta` ġbir ta' fondi minn diversi għaqdiet varji kemm kbar u kemm żgħar, biex bil-preżenza tagħna ngħinuhom iżidu l-attendenza u fl-aħħar mill-aħħar jinġabru aktar flus.

Dan l-aħħar, bħala Sezzjoni tal-Klieb ipparteċipajna fuq programmi televiżivi dwar l-użu pożittiv ta` taħriġ li nużaw mal-klieb u r-relazzjoni speċjali li tinbena bejn il-*handler* u l-kelb tiegħu. Dan wassal biex tejjibna ħafna r-relazzjoni pubblika ma' dawk l-għaqdiet u persuni li jaħdmu għad-drittijiet tal-annimali. Dawn in-nies illum jaraw fina l-imħabba lejn l-annimali u li tassew hemm Pulizija li għandhom l-istess imħabba lejn l-annimali.

Jien nemmen bis-sħiħ li waqt il-qadi ta' dmirijietna, ta' kuljum nistgħu nikkontribwixxu biex intejbu r-relazzjoni mal-pubbliku wkoll b'sempliċi kelma jew ġest. Eżempju ċar hu waqt ir-rondi u tfittxijiet li nagħmlu bil-klieb fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn tara qraba li ġew jilqgħu jew isellmu lil xi ħadd; turisti li għadhom jaslu jew sejrin lura, il-parti l-kbira jieħdu interess jistaqsu mistoqsijiet diretti fuq ix-xogħol tal-klieb tal-Pulizija u wkoll mistoqsijiet oħra inġenerali.

Kultant nieqaf u naħseb x'impatt inħallu mingħajr ma nafu meta nara l-ħaddiema li jaħdmu fl-ajruport jgħajtu lill-klieb tagħna b'isimhom u hemm min ukoll iġib lill-klieb xi ħaġa tajba miegħu. Din mhix ukoll relazzjoni pubblika?



Meta tagħmel dmirek sew, mingħajr ma tkun qed tinduna, tkun qed issaħħaħ ir-relazzjonijiet u r-reputazzjoni tal-Korp ma' dawk li kellek kuntatt dirett magħhom, mal-qraba, ħbieb tagħhom u ma' dawk li osservawk minn wara l-kwinti.

Huma bosta mill-kollegi tagħna li jikkontribwixxu biex itejbu r-relazzjoni pubblika mas-soċjetà minn taqsimiet varji iżda' nemmen li nistgħu nagħmlu iktar. Tul dawn l-aħħar xhur kien hawn min ipprova jtappan ir-reputazzjoni tagħna mal-pubbliku, iżda flimkien, kif urejt mill-esperjenzi tagħna, mis-Sezzjoni tal-Klieb, b'affarijiet żgħar nistgħu nagħtu kontribut.

Ejjew nużaw il-mezzi kollha possibbli, iżda ma ninsew qatt li l-kuntatt dirett mal-poplu waqt il-qadi ta' dmirijietna, għandu jkun il-qofol u l-pedament fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet pubbliċi li jħalli benefiċċji kbar u varji lill-partijiet kollha involuti. Nispiċċa bil-ħsieb ta' Patrick Jackson, persuna magħrufa ħafna fil-qasam tar-relazzjonijiet pubbliċi fejn jgħid:

"*Any profession exists by public consent only. Harmony is an outcome of public relations practiced over a long time*".

matthew.a.attard@gov.mt

ADVERT

## Ħatriet fl-Eżekuttiv tal-MPA

Eżattament fl-ewwel laqgħa tal-eżekuttiv li l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta kellha nhar il-21 ta' Ġunju 2015, ġie deċiż kif ser ikun imqassam il-Kumitat tal-Assoċjazzjoni għas-snin 2015-2018. Il-ħatriet intgħażlu bi qbil tal-istess membri tal-kumitat u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni għall-karigi hawn taħt riferuti lilkom għall-benefiċċju tagħkom.

President: Insp Malcolm Bondin
Viċi President: PS 645 Jerry Attard
Segretarju: Insp Robert Vella
Viċi Segretarju: Insp Edmond Cuschieri
Teżorier: PS 494 Gordon Borg
Viċi Teżorier: PS 1330 Alexander Schembri
PRO: Insp Frankie Sammut
PRO: PS 1480 Sandro Mallia
PRO: WPC 95 Tania Azzopardi

### Kisbiet li ħadmet għalihom L-MPA u li ġew adottati.

- Wara mitejn u sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija, l-MPA talbet lill-Uffiċċju Elettorali sabiex uffiċjali li fis-snin l-imgħoddija tista' tgħid li kienu jaħdmu bil-prekarjat waqt id-doveri tagħhom fl-elezzjonijiet, għall-ewwel darba ser jitħallsu tax-xogħol li wettqu u s-sigħat twal li għamlu bħal kull membru tal-Korp.

- Il-*Joint Return Operations'* (JRO's) li kienu jsiru mill-membri tal-Immigrazzjoni u għal xi raġuni dawn kienu ser jiġu mċaħħda milli jitħallsu; b'intervent tal-MPA dawn ser jitħallsu tax-xogħol siewi tagħhom.

- Il-membri tal-RIU li kienu qed jagħmlu xogħol mal-ambaxxatriċi Amerikana kienu ser jingħataw *time off in lieu*. B'intervent tal-istess Assoċjazzjoni dawn il-membri ser jitħallsu l-flus dovuti lilhom f'sahra. Grazzi tmur għall-Kumissarju tal-Pulizija talli ħa azzjoni immedjata.

- L-Assoċjazzjoni fetħet l-ewwel kawża tagħha dwar l-irkant tal-armi. Ftit xhur qabel, kien sar mandat sabiex jitwaqqaf l-irkant tal-armi, fejn il-membri tagħna b'diskrimimazzjoni kienu ser jiġu mċaħħda milli jieħdu sehem. Madanakollu kien ingħata żmien sabiex l-affarijiet jiġu regolati iżda sfortunatament ma wasalniex u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li tinfetaħ din il-kawża għall-benefiċċju ta' dawk interessati sabiex jipparteċipaw f'dan l-istess irkant.

- Kien hemm diversi persuni li talbuna l-assistenza ta' avukat u aħna, mingħajr tlaqliq, ipprovdejnielhom din l-għajnuna.

### Talbiet pendenti

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ma waqfitx hawn. Kellna diversi problemi oħra li għadna fi stadju ta' diskussjoni, fosthom il-*fixed point duties*. Tajjeb tkunu tafu li t-talbiet tagħna lill-amministrazzjoni tal-Korp, għamilniehom, fejn ipproponejna li għandu jkun hemm kaxxi adekwati bl-arja kundizzjonata bħalma għandhom dawk li jagħmlu l-għassa mal-Prim Ministru ta' Malta kif ukoll dawk li jagħmlu l-għassa mal-ambaxxata Ingliża, iżda sfortunatament ma kellniex risposti pożittivi. Madanakollu ntalab l-intervent tal-Prim Ministru fejn min-naħa tiegħu irrimarka lill-Ministru konċernat sabiex tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr. Ta' dan nirringrazzjawh.

Għamilna ukoll mistoqsijiet lill-Public Administrative HR Office (PAHRO) fejn staqsejniehom għaliex qed nerġgħu niġu diskriminati meta l-membri tagħna qed jaħdmu Ħdud kif ukoll sahra u qed jitħallsu b'rati inqas mill-iskala ekwivalenti ma' skali oħra fiċ-ċivil. Staqsejna wkoll għaliex il-festi qed jinqatgħulna *leave* meta jkun il-frank tagħna, meta f'dipartimenti oħra tal-Gvern dawn mhux qed jinqatgħu. Madanakollu s'issa għad ma kellna l-ebda tweġiba. Aħna nagħtuhom ċans iżda għandna l-limitu tagħna u jekk ma jkollna l-ebda risposta fit-talbiet tagħna ser jibdew jinfetħu l-il-menti fit-Tribunal Industrijali.

Hemm aktar punti li għadhom pendenti, fosthom l-arja kundizzjonata f'kull uffiċċju; karozzi adekwati għal kulħadd; *allowances* għal dawk stazzjonati fid-distrett; uniformijiet adekwati għat-Taqsima tat-Traffiku u diversi taqsimiet oħra; apparat li jintuża mill-Pulizija li ma jkunx skadut; żidiet fil-pagi; tnaqqis tal-ħinijiet tax-xogħol; mistrieħ adekwat bejn *shift* u ieħor; *on call allowance* għal dawk kollha li jkunu *on call*; *reduced hours*; *parking* fil-Belt Valletta għal dawk stazzjonati fl-ewwel distrett u ħafna affarijiet oħra.

Nittamaw li weġibtu l-kwestjonarju li ntbagħtilkom id-dar, għax bih inkunu nistgħu nsaħħu dawk l-argumenti li dejjem tlabna, kif ukoll nuru d-diżappunti u l-weġgħat tagħna. Meta wieħed jara f'liema kundizzjonijiet jaħdmu dipartimenti oħra tal-Gvern tibqa' mbellah, għax tinduna kemm il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna huma prekarji. Tassew li x-xogħol tagħna jirrikjedi ċerti sagrifiċċji, iżda jekk irridu li l-Korp iqum fuq saqajh hemm bżonn li l-membri tagħna jiġu inċentivati tax-xogħol siewi li jagħmlu ta' kuljum. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd għall-paga jiġi u ħadd mhu ser ibellagħhielna li dawk huma d-doveri u għalhekk għandek toqgħod għal dawn il-kundizzjonijiet, jew għax aħna Korp dixxiplinat jew dawk huma l-esiġenzi tas-servizz. Il-Forzi Armati ta' Malta wkoll hu korp dixxiplinat, iżda nassigurakom li għandhom kundizzjonijiet aħjar minn tagħna. Titkellem ma' min titkellem mal-Pulizija barranin, tinduna kemm aħna għadna lura u m'aħna rispettati minn ħadd, lanqas mill-pubbliku inġenerali. Dan l-aħħar għamlu stħarriġ fuq *The Times*, li hu ta' diżappunt enormi għall-Korp. Ġie mistoqsi jekk il-pubbliku għandux fiduċja fil-Pulizija. Ir-riżultat hu li 70 fil-mija m'għandhomx fiduċja; 20 fil-mija għandhom fiduċja u 10 fil-mija ma jafux. Dan hu riżultat inkwetanti. Jekk lill-Pulizija toffrilu kundizzjonijiet aħjar u żżommu fuq l-idejn ħa jagħtik lura l-frott meħtieġ u aktar jmur għal qalbu fil-post tax-xogħol, fejn il-pożittività tirrenja. Inutli ninħbew mix-xemx wara għarbiel, għax iż-żejt dejjem tela' f'wiċċ l-ilma.

Illum għandna dritt li nsemmgħu leħinna u mhux ser niddejqu nagħmlu dan; serrħu raskom. Madankollu ma rridux li jkun hemm xi ħadd li jaħseb li rridu nagħmlu ħsara lil xi ħadd partikulari jew lill-Korp inġenerali. Aħna ser niġġieldu sabiex nissalvagwardjaw id-drittijiet tagħkom u nġibu kundizzjonijiet aħjar għall-membri tagħna, bħalma dejjem għamilna jew għallinqas ippruvajna nagħmlu.

http://www.mpa.org.mt

ADVERT

ADVERT



# Mitejn u sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija 12 ta' Lulju 2015






FIRE




PULIZIJA
PULIZIJA












PULIZIJA




35
























YAMAHA




































PULIZIJA





# Grazzi tas-sehem tagħkom

ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija











Dear Commissioner of Police







Truly appreciate it thank you!

YOU'RE A STAR



ADVERT

# Il-Migrazzjoni tal-Kwartieri Ġenerali minn Fleur-de-Lys għall-Floriana

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Kif jidher mit-titlu fl-artiklu se nelabora ftit dwar il-ġrajja meta l-Pulizija fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kellha toħroġ fi stat ta' emerġenza mis-Sacra Infermeria; sintendi l-Kwartieri tagħha kienu fil-qalba tal-Port il-Kbir, post strateġiku għall-gwerra; għalhekk kien perikoluż. Min-naħa l-oħra kienu diġà bdew jiġġarrfu xi partijiet minnu u għalhekk spiċċaw biex sabu ruħhom fi Fleur-de-Lys, permezz ta' *Emergency Powers Regulation* maħruġa minħabba l-gwerra; fejn bihom il-gvernatur u l-awtoritajiet militari; ħadu pussess fuq diversi proprjetà, partikolarment ċerti artijiet u bini ta' importanza strateġika għal skopijiet militari u ta' sigurtà. Magħhom ukoll kien ġie rekwiżizzjonat il-Konservatorju Vincenzo Bugeja. Għalhekk minn ġo fih kienu ħarġu lit-tfal u lis-sorijiet tal-karità, li kienu jieħdu ħsieb l-istess tfal fil-biċċa l-kbira orfni, sabiex daħlu l-Pulizija.

## Il-kawża u l-protest li wasslu għal iżgumbrament

Il-konservatorju kien inbena mill-Markiz Vincenzo Bugeja, bl-iskop, kif ġa għidt, sabiex jilqa' fih orfni u tfal oħra li jispiċċaw vittmi; jew affettwati ħażin minn xi problema soċjali ta' dawk iż-żminijiet.

Il-Markiż u martu, il-Markiża Anna Bugeja neè Borbies, kienu għamlu żewġ testmenti sabiex jirregolaw ġidhom wara mewthom, inkluż dan l-istess konservatorju. Testment minnhom kien sar fl-14 ta' Diċembru tal-1880, quddiem in-Nutar Franġisku Saverju Camilleri u l-ieħor fl-10 ta' Settembru tal-1890, quddiem in-Nutar Achille Micallef. Kien Artiklu 20 fl-atti tan-Nutar Camilleri u Artiklu 45 fl-atti tan-Nutar Micallef li wasslu sabiex bosta snin wara l-Pulizija tidħol f'kontroversja legali b'kawża u protest fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili magħmulin mill-eredi tal-Markiż, kontra l-kumitat tat-tmexxi-


Kopja Ufficjali ta' Kontroprotest biex jiġi notifikat

Qorti Civili Prim'Awla tal-Maesta' Tagħha r-Regina

Salvino Ellul Bonnici u Carlo Ellul Bonnici

vs

Edgar Arrigo fil-kwalita' tiegħu ta' President tal-Kumitat għad-Direzzjoni tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja u l-Avukat Dottor Giuseppe Sacco fil-kwalita' tiegħu ta' Segretarju ta' l-istess Kumitat

Kontroprotest ta' l-imsemmijin Edgar Arrigo nomine u Dottor Giuseppe Sacco nomine

Jesponu bir-rispett kollu:-

Illi malli l-Konservatorju Vincenzo Bugeja ġie rekwiżizzjonat mill-Gvern, il-President tal-Kumitat li kien il-Markiż Paolo Apap Bologna u l-esponenti Dottor Sacco

Salvino Ellul Bonnici

vs

[illegible] Nobbli Markiż Paolo Apap Bologna u Avukat Dottor Giuseppe Sacco, rispettivament President u Segretarju tal-"Comitato di Direzione" tal-Konservatorju Vincenzo Bugeja; l-Onorabbli John Ross u Giuseppe Maria Caachiari, membri tal-istess Kumitat u minnu delegati għall-iskop tar-rappreżentanza ġudizzjarja.

Protest ta' l-imsemmi Salvino Ellul Bonnici.

Jesponi bir-rispett.

Illi fl-artikolu 45 tat-testment "unica charta" [illegible] mill-Markiż Vincenzo Bugeja C.M.G. flimkien ma' martu il-Markiża Anna Bugeja nee' Borbies, ricevut min-Nutar Achille Micallef fit-10 ta' Settembru, 1890 gie ordnat illi [illegible] [illegible] il-Comitato,

ja tal-Konservatorju. It-tema ewlenija bla dubju ta' xejn kienet il-fatt li l-Pulizija okkupat il-post għal erbatax-il sena sħaħ u li sa dak iż-żmien l-*Emergency Powers Regulations* kienu ilhom snin sħaħ li spiċċaw u eventwalment jitolbu wkoll lill-qorti tiddikjara d-dekadenza tal-fondazzjonijiet ordnati mittestaturi. Sintendi, mingħajr ma nidħol fil-merti ta' din il-kawża, kienu damu telgħin u niżlin il-Qorti għal madwar tliet snin. Fil-kawża ġew imħarrka wkoll diversi personalitajiet, fosthom l-Onorevoli

Dr Ġorġ Borg Olivier, bħala Prim Ministru u aktar tard l-Onorevoli Ġużè Ellul Mercer, bħala Ministru tax-Xogħlijiet. Jingħad li kemm iż-żewġ testmenti kif ukoll il-kawża u l-protest ġudizzjarju qajmu ċertu interess dak iż-żmien, għall-fatt li fihom kien hemm ħafna xi tgħid u x'titgħallem.

### Minn Konservatorju għal ieħor

Fiċ-ċirkustanzi, il-Gvern Malti xamm li l-kawża kienet ser ddur fuqu. L-*Emergency Powers Regulations* ma kinux għadhom *in vigore* u protezzjoni ma kienx għad hemm. Min-naħa l-oħra r-rekwiżizzjoni kienet għadha ma ġietx irtirata. Kien ġie kollox ma' kollox, għax bis-saħħa u l-inforz tal-protest, datat 23 ta' Frar 1954, ħarġet l-ordni biex il-Pulizija toħroġ immedjatament minn hemm u tagħmel wisa' lit-tfal. Hawn kien inqala' intopp serju, għax għalkemm lill-Pulizija ordnawlha sabiex tiżgombra ruħha minn Fleur-de-Lys, ma qalulhiex fejn ser tittrasferixxi l-Kwartieri Ġenerali tagħha. Għalhekk, proprju f'lejl, kien ġie deċiż li jġorru kollox, fl-inqas żmien possibbli lejn l-Isptar Ċentrali fil-Furjana, li kien għadu kif ser jibda jġorr l-operat tiegħu għall-isptar il-ġdid li kien għadu kif inbena fi Gwardamanġa. Tistgħu timmaġinaw x'ġenn inqala' u x'ġiri 'l hawn u 'l hinn, biex fl-iqsar żmien possibbli jinġarr kulma kien jinsab fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja. Immaġinaw ukoll kif ta' malajr malajr, il-Pulizija kellha tidħol fi sptar mimli sodod, morda, mediċini u mitt ħaġa oħra li ssib fi sptar. Din il-migrazzjoni saret fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data tal-istess protest.

Naturalment, la kien hemm żmien għall-ippjanar u lanqas kif u fejn ser joħolqu l-istrutturi meħtieġa bħalma huma uffiċini u akkomodazzjonijiet oħra biex ikunu jistgħu jkomplu b'ħidmiethom. Għalhekk bla pjanti ta' xejn, iżda biss b'biċċa ġibs ħażżew malart madwar sitt gabubi, f'waħda mill-akbar swali tal-Isptar int u dieħel fuq il-lemin, fejn illum insibu s-Sala Vilhena. F'din is-sala kienu tpoġġew, għalkemm ta' kafkaf, l-aktar sitt uffiċini importanti sabiex wieħed seta` jamministra; li kienu l-uffiċċju tal-Kummissarju, tad-Deputat Kummissarju, l-Assistent Kummissarju, l-Ajjutant, il-Kaxxier tal-Korp u s-Supretedent tat-Traffiku. Fis-sala tal-faċċata, dik li llum insibu l-Mużew, tpoġġa d-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali. Is-C.I.D kienet damet hemm fis-sala tal-Mużew sal-1969. Wara kienet marret fl-aħħar parti tal-isptar, fejn illum hemm id-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku (ftit aktar qabel kien




hemm it-Teżor). Minħabba dan kollu, lill-morda tal-isptar, li kienu f'dawn is-swali u xi kmamar oħra, kellhom igeddsuhom kif setgħu f'postijiet oħra sabiex l-istess swali jiġu okkupati mill-Pulizija. Għalhekk, bosta mill-morda bdew jiġu trasferiti mill-ewwel lejn l-Isptar San Luqa. M'għandniex xi ngħidu, ħadd ma' kien qiegħed jistenna jew jimmaġina li ser tiġri biċċa xogħol bħal din, u lil żewġ entitajiet fost l-aktar importanti tas-soċjetà. Kif rajna il-Pulizija daħlet fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana fl-1954 u minn dak iż-żmien sal-1970 il-morda, inklużi dawk għal ħtieġa tal-kura fl-għajnejn, baqgħu jonqsu sa ma telqu kollha u għalhekk nistgħu ngħidu li l-Isptar Ċentrali ta' Malta, fil-Floriana issa tilef l-identità tiegħu bħala Sptar.

joseph.q.borg@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

[illegible]

[illegible]

Att. All CMRU personnel

THANK YOU!!!

I must acknowledge your efficient and professional assistance.

Regards,

[illegible]

[illegible]

[illegible]

[illegible]

[illegible]

[illegible]

ADVERT

# Ħarsa lejn l-Attivitajiet Sportivi

## ZJARA F'MALTA MINN TIM TAL-'FOOTBALL' SQALLI

Għat-tielet sena konsekuttiva t-tim Eks Berretti minn Sirakuża reġa' żamm il-kelma tiegħu u onorana bil-preżenza tiegħu sabiex niltaqgħu fil-grawnd u nilagħbu logħob ta' ħbiberija.

Din is-sena, il-ħsieb mar fuq "**Avvocato Peppe Brandino**" li sfortunatament ħalla din id-dinja nhar il-31 ta' Marzu 2015 fl-età ta 45 sena, kawża ta' marda fatali. Brandino kien persunaġġ important fi Sqallija.



Fost ħafna affarijiet kellu l-isport, b'mod speċjali l-futbol għal qalbu u għalhekk il-ħbieb ġirien tagħna talbuna ningħaqdu flimkien u nonorawh. Il-logħba



intlgħabet il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju fil-Victor Tedesco Stadium, il-Ħamrun. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lill-Ħamrun Spartans b'mod speċjali lil Frans Zammit, talli reġgħu ħallewna nużaw il-grawnd.

Din is-sena, il-logħba kienet ferm ibbilanċjata, tant li r-riżultat spiċċa 1-1. Min-naħa tat-tim tal-Pulizija ta' Malta kien hemm ħafna uċuh żgħar ġodda u dan sabiex inkunu nistgħu nippruvaw u nagħżlu plejers għal maż-żewġt timijiet li jirrappreżentaw lill-Pulizija fil-*league* tal-MESA. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li din kienet l-ewwel darba li lagħbu flimkien; u mhux biex insib skuża għaliex ma rbaħniex iżda s-sena li għaddiet konna ħriġna rebbieħa b'riżultat sabiħ ta' 6-2.



Din is-sena l-Isqallin ġabu tliet plejers ġodda u kienu ferm aħjar mis-snin preċedenti iżda wara kollox intlaħaq l-iskop li nilagħbu logħba ta' ħbiberija u nkomplu niltaqgħu ta' spiss ma' sħabna l-Isqallin u forsi aħna wkoll immorru u nilagħbu f'arthom is-sena d-dieħla.



### Rokna ta' notamenti

Nhar it-13 ta' Lulju 2015, il-Kumitat Sportiv kellu laqgħa kordjali mal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar.

**L-objettivi tal-laqgħa kienu ħafna, fosthom:-**

- Li kull avveniment sportiv organizzat ma jkunx ta' detriment għall-ħidma ta' kuljum tal-Korp tal-Pulizija;
- Jiġu identifikati dati speċifiċi sabiex ċerti attivitajiet sportivi jkunu jistgħu jiġu organizzatti għal skopijiet filantropiċi, soċjali u kompettivi;
- Jinstab post adekwat fejn il-kumitat ikun jista' jagħmel użu minnu għax fil-preżent il-kumitat m'għandux post fejn jista' jagħmel il-laqgħat u fejn iżżomm l-apparat sportiv;
- Possibbiltajiet ta' taħriġ tal-membri tal-Korp f'dixxiplini sportivi diversi;
- U oħrajn ta' interess ġeneriku.

Il-Kummissarju tal-Pulizija kien pożittiv bil-ħidma tal-Kumitat u l-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi, iżda ħeġġeġ li l-attivitajiet għandhom ikunu varji fejn saħansitra ssuġġerixxa attività ta' *triathlon*. Il-Kumitat jieħu l-opportunità jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija, li sab ħin konvenjenti għal kulħadd biex din il-laqgħa setgħet isseħħ. Żgur li r-riżultat hu wieħed inkoraġġanti li jsaħħaħ il-fehmiet tal-Kumitat li jimxi 'l quddiem bl-organizzazzjonijiet ta' attivitajiet sportivi, kemm għall-membri tal-Korp kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-Korpi l-oħra dixxiplinarji, u entitajiet oħra.

mpsc.police@gov.mt

---

# ADVERT

ADVERT

ADVERT

# Fondi mill-Unjoni Ewropea

minn Stefania Sgandurra

Ġeneralment, meta wieħed isemmi l-kliem 'Fondi tal-Unjoni Ewropea' mill-ewwel jiġih f'moħħu, "se jagħtuni xi ħaġa? Imisshom iġibulna….(din u l-oħra)" iżda diffiċli xi ħadd jistaqsi dwar ix-xogħol involut b'dawn il-Fondi. Dan ix-xogħol li jirrikjedi ħafna ppjanar u strateġija, dedikazzjoni u determinazzjoni mingħand kull membru li jkun qed jaħdem fuq il-proġetti, peress li kollox hu stipulat bil-ħin ta' skadenza. Il-proġetti li se niktbu fuqhom illum huma dawk li jaqgħu taħt l-umbrella tal-Programm Ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni ta' Migrazzjoni (2007-2013) li jippromwovu l-Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni. Ir-rata ta' kofinanzjament hi ta' 75% fondi tal-UE u 25% fondi mill-Korp. Infatti minn dan il-Fond partikolari, il-Korp irnexxielu jikseb ħames proġetti għas-sena 2014 - 2015.



- L-akkwist ta' tletin *two-way radio* ġdid biex b'hekk imtela l-vojt għall-uffiċjali li jaħdmu fil-qasam tal-immigrazzjoni jew sorveljanza tal-fruntieri ta' Malta. Dan hu apparat ferm importanti speċjalment fejn tidħol sorveljanza u ma jkunx hemm telefon jew kompjuters. L-uffiċjali jkunu jistgħu jikkomunikaw xi jkun għaddej mingħajr ħlas u wieħed jista' jilħaq lil grupp sħiħ mingħajr il-bżonn li jikkomunika individwalment.

- Tletin *hand held biometric device* li dawn ukoll jgħinu lill-uffiċjali li jaħdmu mal-fruntieri mingħajr aċċess ta' kompjuter. Infatti dan l-apparat għandu l-faċilità (permezz ta' sistema 3G) jikkomunika ma' sistemi oħra biex iqabbel u jiċċekkja persuni mas-sistemi tas-sigurtà. B'hekk l-uffiċjali li jgħassu xtutna ser ikunu aktar attrezzati u aktar effiċjenti bl-istħarriġ tagħhom għan-nies residenti illegalment, dawk b'dokumenti foloz u anki dawk riċerkati internazzjonlament.

- Żewġ proġetti oħra huma dawk li saru min-naħa tan-*National Schengen Unit*, jew kif aktar hi magħrufa bħala l-*IT Section*. Proġett minnhom jinqasam fi tnejn; parti li tikkumplimenta s-sistema eżistenti tal-kontroll tal-fruntieri, sabiex marki tas-swaba' ta' persuni li jkunu ser jaqsmu l-fruntieri taż-żona Schengen, ikunu jistgħu jiġu mqabbla ma' dawk tas-sistema Ewropea tal-Visas, imsejħa il-VIS. It-tieni parti tikkonsisti fix-xiri ta' sebgħa u tletin kompjuter flimkien mal-apparat meħtieġ, sabiex il-kontroll fil-fruntieri jkun jista' kemm jiżdied fl-effiċjenza kif ukoll jiġi estiż għal bnadi oħra, inkluż għall-Akkademja tal-Pulizija sabiex ikun jista' jingħata t-taħriġ meħtieġ. Dan l-apparat bijometriku jaqra kemm marki tas-swaba' kif ukoll passaporti.

- Il-proġett l-ieħor jikkonċerna l-immodernizzar tan-*National Schengen Unit*, kemm tal-binja nnifisha kif ukoll tal-apparat ta' sigurtà fl-istess binja, inkluż dak tal-kontroll tal-aċċess kif ukoll dak tat-tifi tan-nar. Permezz ta' dan il-proġett, il-livell tas-sigurtà f'din il-*Unit* sar wieħed massimu, kif ukoll l-ambjent biex wieħed jaħdem fih sar wieħed attraenti, u dan kif xieraq li jkun peress li l-apparat ta' sigurtà nazzjonali u internazzjonali qiegħed miżmum hawn.



- APIS - *Advance Passenger Information System*. Dan kien l-akbar proġett kemm bħala flus kif ukoll bħala mertu għax b'hekk Malta issa tista' titqies aktar avvanzata fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni u trasport marittimu. Inxtara apparat li għandu l-kapaċità li jiġbor l-informazzjoni bikrija mingħand il-linji tal-ajru kif ukoll tal-vapuri tal-passiġġieri. Dan l-apparat iqabbel l-informazzjoni mal-listi internazzjonali kif ukoll lokali u b'hekk jidentifika l-persuni kriminali, dawk b'dokumenti foloz u immigrazzjoni irregolari jew illegali qabel ma jaslu fit-territorju Malti. Dan ifisser li issa mhux se jkun hemm wisq nies li jerġgħu jintbagħtu lura għax dawn jiġu mwaqqfa minn qabel ma jitilqu mill-post ta' imbarkazzjoni.

magazine.police@gov.mt

# Nisparaw għall-Karità

mill-Ispettur Rennie Stivala - Reati Ekonomiċi

Segretarju Eżekuttiv MPASC

Kien wara ħafna kunsiderazzjonijiet mill-kumitat tal-klabb tal-isparar sportiv fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, li ġie deċiż li jiġi organizzat avveniment ta' sparar bi skop karitattiv. L-ewwel attività saret nhar l-20 ta' Diċembru 2014, u kienet miftuħa kemm għall-membri tal-Korp, kif ukoll għad-dilettanti pajżana. Naturalment, biex dan seta' jseħħ, kien hemm ħafna preparazzjonijiet loġistiċi kif ukoll amministrattivi. Il-konkorrenza kienet waħda qawwija, fejn nies minn kull qasam tal-ħajja attendew bi ħġarhom.

Tul il-ġurnata kien hemm il-parteċipazzjoni ta' 148 persuna, ħafna minnhom nies pajżana, li laqgħu din l-istedina biex jieħdu sehem f'din l-attività ta' sparar, filwaqt li kkontribwew għal dan l-iskop filantropiku. Fl-attività inġabret is-somma sabiħa ta' kważi €1,600, li ngħataw lill-*Malta Community Chest Fund* flimkien ma' ġabriet oħra li saru minn membri u attivitajiet oħra tal-Korp.

Meta l-kumitat ra l-konkorrenza numeruża u l-atmosfera sabiħa li kien hemm bejn membri tal-Korp jisparaw u jmexxu din l-attività, u nies pajżana li kienu interessati jipparteċipaw u jagħtu wkoll suġġerimenti għal attivitajiet simili, il-kumitat ħaseb biex jerġa' jorganizza sparatura oħra. Din id-darba d-data magħżula kienet l-4 ta' Lulju 2015, biex tkun parti mill-kalendarju ta' attivitajiet marbuta mal-ġimgħa ddedikata lill-Pulizija.

Is-Sibt 4 ta' Lulju, il-parteċipanti bdew jinġabru kmieni f'Ta' Kandja bl-iskop li jipparteċipaw f'din l-attività u tajjeb ngħidu li l-konkorrenza kienet waħda sabiħa u stabbli tul il-ġurnata kollha. Fil-fatt ħadu sehem aktar minn 168 parteċipant, u nġabret is-somma sabiħa ta'



€1,775, li wkoll ser tingħata mal-offerta li l-Korp tal-Pulizija jagħmel fl-Istrina ta' din is-sena. Waqt din l-attività reġgħet spikkat il-konkorrenza ta' nies pajżana, li dehru interessati li jersqu u jifhmu xi jfisser sparar sportiv kif ukoll jitgħallmu regoli bażiċi ta' mmaniġġjar ta' armi taħt superviżjoni kontinwa ta' persuni kwalifikati. Il-kummenti li rċevew dawk li kienu qed jieħdu ħsieb din l-attività kienu pożittivi ferm u li jagħmlu kuraġġ lill-kumitat biex jerġa' jorganizza attivitajiet simili li jressqu lill-pubbliku b'mod pożittiv lejn il-Korp tal-Pulizija. M'hemmx dubju li dawn iż-żewġ attivitajiet servew ukoll biex il-Korp resaq ferm qrib iċ-ċittadin bl-iskop li titjieb ir-relazzjoni pubblika.



Hawn nixtieq li f'isem sħabi tal-kumitat nirringrazzja lil diversi nies u entitajiet li għenuna biex din il-ħolma setgħet titwettaq u tissarraf f'ġid għal dawk fil-bżonn. Nibda bil-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, li meta spjegajnielu x'kellna f'moħħna, approva l-inizjattiva u l-użu tar-*range* f'Ta' Kandja; l-Assistent Kummissarju Sandro Zarb għall-għajnuna li tana fit-tħejjijiet; lill-Akkademja tal-Pulizija li pprovdiet għajnuna ta' nies u materjal biex saret din l-attività, lill-Kumpanija *Elmo Insurance* li pprovdiet assikurazzjoni għal nies mhux liċenzjati mingħajr spejjeż għalina; lill-paramediċi li baqgħu magħna tul l-attività kollha b'apparat mediku għall-ewwel għajnuna għal kull eventwalità, mill-ħin personali tagħhom u bla ħlas; lil xi benefatturi li provdew ikel għall-attività; lill-klabb ta' sparar sportiv DASA, li provda għajnuna permezz ta' persuni kwalifikati biex inlaħħqu man-numru ta' parteċipanti b'mod aktar żgur, kif ukoll lil dawk il-membri kollha tal-korp u wkoll dawk pajżana li offrew mill-ħin tagħhom matul din l-attività biex il-pubbliku preżenti jkun moqdi b'mod aktar effiċjenti. L-aħħar iżda mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lil ħbiebi tal-kumitat li apparti milli naħdmu spalla ma' spalla tul is-sena biex norganizzaw attivitajiet sportivi u soċjali għall-membri tal-klabb, kulħadd ta l-ħin personali tiegħu biex dħalna għall-organizzazzjoni ta' din l-attività. Is-suċċess ta' din l-attività u l-kummenti pożittivi li rċevejna, jagħmlulna ħafna kuraġġ biex nerġgħu nagħmlu oħrajn fil-futur qrib. Fil-fatt nixtieq nieħu din l-opportunità biex inħeġġeġ lil dawk kollha interessati biex jistaqsuna għal dawn l-attivitajiet, kif ukoll inħeġġeġ lil dawk il-membri tal-Korp li jixtiequ jissieħbu fil-klabb biex jibagħtu *email* lis-segretarju tal-klabb fuq l-indirizz rennie.stivala@gov.mt jew lill-Ispettur Charlot Casha fuq charlot.casha@gov.mt. Wieħed jista' jagħmel mistoqsijiet dwar il-klabb tagħna billi javviċina lil membru tal-kumitat, li dejjem huma disponibbli.



rennie.stivala@gov.mt

ADVERT

ADVERT

# International Police Association - Malta

Neville Mercieca - President

## 3rd IPA World Seminar for Young Police Officers

Following the invitation by the Police Section Poland for IPA members to participate during the 3rd IPA seminar for young police officers, member Shaun Friggieri was nominated to represent IPA Malta throughout this seminar during the month of July in Poland, hosted in one of the Polish Police Academy in Legionowo. Participating IPA sections included fifty-five participants from countries around the world.



This Seminar consisted of seven days of lectures and workshops, discussion groups on various topics covering fraud, immigration, global terrorism, community policing and radicalization awareness, cyber-crime and forensic technicians (collecting evidence at crash scene). It also included hands on practical tutorials such as driving techniques, rolling over car simulation, advanced shooting (counter ambush drill), accident simulations, IED's handling and alerts, tactical combat casualty care, operation of flashlight in cooperation with a firearm, amongst others.

During this event IPA members had also the chance to participate at the National Polish Police Day which was held in Warsaw. This event was designed to high standards, involving a national parade incorporating the Polish Police Band, demonstrations by the Polish Motorcycle Unit and various other sections, and was hosted by the Polish Chief of Police.

Another significant event was the invitation to the Polish Parliament, for the international conference under the patronage of the Hon. Prime Minister Ms Ewa Kopacz, for the commemoration of the 90 years of Women in the Polish Police, which also included interventions by IPA colleagues Spain and Hong Kong that gave their overview on the same important matter.

English Language was the common language used, and almost all countries could communicate fluently with it. However the non-verbal Communication played an important key-role during this seminar, given that using the same English words might involve a different meaning to the whole sentence in different countries. The understanding of these non verbal signs is crucial not only while speaking with foreign people but also when speaking with locals. Understanding the posture and gestures is a great skill a police officer must always try to improve.

A wide spectrum of Cultural differences was also noted throughout the stay, such as differentiation in the food regime, joking, learning, interaction and socializing, beliefs and etiquettes. Being all Police officers, a cultural bond helped us overcome all these differences without any hesitation, proving that even throughout the whole Police organizations we can organize and work together for a common goal.

Almost all the Police members in this seminar had the same major situations namely immigration and terrorism risks, and restrictions for good community policing within ethnic groups. Surprisingly enough even the day to day problematic situations were similar to each other.

Legislation and procedures differ from one country to another. This was noted during an exercise carried out in couples for IED (Improvised Explosive Devices) vehicle search. Some Colleagues in different countries could simply stop any vehicle and search the vehicle accordingly, while others needed warrants.

Prosecution methods also differed from our practices, having a more convenient and effective method together with the necessary budget required. On the other hand some patrolling Police Officers have to operate and patrol a large area such as the whole area of Malta due to budget restraints and thus have to be strategic in their work plan. Nevertheless they always have backup from their neighboring area emphasizing teamwork and trust in each other.




Throughout this seminar I have been taught that although we can be far away within different continents, Police officers still have a common mind-set, set to provide highest level of service and protection to others.

Appreciation goes to the Malta IPA section, the Co missioner of Police for his approval, all the organizers involved in this seminar, including lecturers and all participants especially Nicholas, Stefan, Koen, Kris, Lana, which are fellow Police officers that made this seminar a memorable experience.

ipamalta@gmail.com

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

[redacted]

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass.  Teżorier (M.A.R.P.O.)

# Police Week 2015

Din is-sena l-Korp tal-Pulizija ċċelebra l-201 anniversarju mill-fondazzjoni tiegħu, u għaldaqshekk l-Uffiċjali tal-Kunsill, flimkien mall-membri tal-M.A.R.P.O. ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru matul ix-xahar ta' Lulju.



Nhar il-Ħadd, 5 ta' Lulju, il-membri tal-Kunsill attendew għall-quddiesa li saret fil-kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata b'suffraġju għal ruħ l-eks membri tal-Korp.  Għal din il-quddiesa attendew il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, il-Ministru Carmelo Abela, u bosta uffiċjali tal-Korp fost oħrajn. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Kappillan tal-Korp Fr. Ray Bonnici  OFM Cap



Wara l-quddiesa saret is-soltu ċerimonja fuq l-oqbra tal-eks membri tal-Korp, fejn tqiegħdu kuruni tal-fjuri fuq il-monument mill-Ministru Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-*Malta Police Association*, il-*Malta Association of Retired Police Officers*, l-*International Police Association* u l-Akkademja tal-Pulizija.

Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju, saret quddiesa solenni fil Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, fejn attendew il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro, il-Prim Ministru Joseph Muscat, Membri Parlamentari, Ambaxxaturi, Uffiċjali tal-Korp, u mistednin oħra.

Wara l-quddiesa saret parata u *display* li fiha ħadu sehem il-Gwardja tal-Unur u l-*Colours* tal-Korp. Wara kiem hemm wirja mit-Taqsima tal-Kavallerija u defilè 'Mill-Passat għall-Preżent'.



Saru wkoll wirjiet mit-Taqsima tal-Klieb tal-Pulizija, mill-Banda tal-Pulizija, u mill-*Precision Drill Team*, li għall-ewwel darba kien taħt it-tmexxija tal-Ispettur Justin Camilleri.

Is-Sibt 4 ta' Lulju kiem hemm *Open Day* fil-garaxx tal-Pulizija, fejn wieħed seta' jara wirja ta' vetturi antiki u moderni li ntużaw mill-Pulizija, tberik tal-annimali u mawriet għat-tfal fuq id-*dinghes* tal-ALE. Saru wkoll wirjiet mill-Banda tal-Pulizija, *Precision Drill Team* u mis-Sezzjoni tal-Klieb f'Ħaż-Żabbar, Marsaskala,



Tas-Sliema, Buġibba u Għawdex. L-Erbgħa 1 ta' Lulju u l-Ġimgħa 3 ta' Lulju, saru żewġ riċevimenti fis-Sala Vilhena għall-membri tal-Korp u l-pensjonanti. Ta' min jgħid li din is-sena l-attendenza kienet waħda kbira ħafna.

AĠĠORNAMENT TAL -KAWŻA - **Il-kawza tħalliet għat-30 ta' Ottubru għas-sentenza.**

Għan-nom tal-President tal-Għaqda u l-membri tal-Kumitat, noffru s-sogħba tagħna lill-membru tal-Kumitat Charles Demicoli għat-telfa ta' martu Marlene Demicoli.

# Mill-Imgħoddi

Is-Sam Browne hu dak iċ-ċinturin u ċinga li llum jilbsu l-fizzjali tal-Korp u l-1 S/M. Dan iċ-ċinturin ġie msejjaħ Sam Browne għal Sir General S.J. Browne, u beda jintlibes mill-fizzjali tal-Korp mis-16 ta' Jannar 1923. F'dak iż-żmien (1923) is-Sam Browne kien jintlibes ukoll mill-*Bandmaster* tal-Banda tal-Pulizija.

Il-fizzjali kienu jilbsu s-Sam Browne f'dawn l-okkażjonijiet:

- Meta kienu jkunu l-Belt Valletta, il-Ħamrun, Tas-Sliema u l-Kottonera.
- Meta jattendu l-Qorti.
- Meta kienu jattendu għal xi inkjesta tas-Servizzi Ingliżi.
- Meta kienu jidhru quddiem il-Kmandant tat-tliet Servizzi Ingliżi.

Kien hemm żewġ tipi ta' Sam Browne. Wieħed iswed li jintlibes fuq l-uniformi tax-xitwa u ieħor kannella li kien jintlibes mal-uniformi tas-sajf.

Mas-Sam Browne l-iswed, kienet tintlibes xabla f'dawn l-okkażjonijiet:

- Meta l-fizzjali kienu jattendu l-Qorti Kriminali.
- Meta kienu jidhru quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija.
- Meta kienu jattendu għal xi *Court Martial* tas-Servizzi Ingliżi.



Il-Kummissarju George Cachia..1954-1956

ADVERT



Ex PC 189 John Aquilina
1940 - 2015
1959 - 1984
(Gozo)



Ex PC 342 Joseph Aquilina
1936 – 2015
1960– 1987
(Gozo)



Ex PC 197 Saviour Vella
1927 – 2015
1951 – 1973
(Gozo)



Ex Ps 932 Joseph Grech
1936 – 2015
1960 – 1977



Ex PC 1125 & 11 Charles Farrugia
1941 – 2015
1959 – 1974 & 1991 - 2001



Ex 2/SM 381 Emmanuel Fenech
1926 - 2015
1954 - 1977



Ex PC 1184 Carmel Mangion
1949 - 2015
1968 - 1993



Ex PC 118 Lawrence Buttigieg
1955 – 2015
1982 – 2015



PC 1089 Anthony Ciantar
1956 – 2015
1986 – 2015
(Serving Member)

Advert

advert